MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2009

Rikors Numru. 504/2008/1

**Filomena mart Lawrence Rodo u Giuseppi ahwa Grech, u Lawrence Rodo u b'digriet tal-10 ta' Lulju, 1980 l-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Carmen mart Lawrence Grima, Mario, Joan xebba u Margaret xebba ahwa Rodo, peress li fil-mori tal-kawza miet Lawrence Rodo.**

**-vs-**

**Carmelo u Francesca mart Giuseppe Pulis, ahwa Grech u b'digriet tad-19 ta' Jannar 2009 Grace Zammit, Antonia Spagnol, Maria Zammit, Salvina Spiteri, Doris Debono, Alfred Pulis, Joseph Pulis, Eugenio Pulis, Salvatore Pulis, Emmanuela Spagnol, Rita Grech, Daniela Mifsud, Annabelle Sciberras bint Carmel Pulis, ahwa Pulis, gew awtorizzati jassumu l-atti minflok ommhom Francesca Saveria Pulis li mietet fil-mori tal-kawza.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tar-rikorenti odjerni Filomena mart Lawrence Rodo et presentat fis-16 ta' Mejju 2008 li jghid hekk:-

Illi, b'Att ta' Citazzjoni pprezentat fil-1 ta' Jannar 1974, l-atturi Carmelo u Francesca mart Giuseppe Pulis, ahwa Grech, ippremettew illi meta missierhom Grazio Grech ittrasferixxa il-fond 125, Triq Santa Domenica Zabbar, b'titolu ta' *datio in solutum* lill-konvenuti Lawrence u Filomena, konjugi Rodo kien irrenda b'dan il-mod ineffettiv it-testmenti *unica charta* tat-18 ta' Marzu 1966 fejn kienu ddisponew minn hwejjighom kif kien jidher fl-istess testment u nnominaw eredi lill-erba' uliedhom ahwa Grech u testment iehor tal-istess Grazio Grech, meta kien armel, tal-24 ta' Mejju 1968 (in atti Nutar Carmelo Lia) li bih kien immodifika parti mit-testment *unica charta* premess, in kwantu fihom legati tal-istess dar u dan il-kuntratt kien wiehed simulat;

Illi, l-atturi talbu lill-Onorabbli Qorti li (a) tillikwida l-assi socjali konjugali tal-konjugi Grazio u Mary Grace Grech, (b) taqsam l-assi hekk likwidati f'zewg porjonijiet ugwali u tassenja kwantu ghal nofs lill-assi ta' Mary Grace Grech u kwantu ghan-nofs l-iehor lill-assi ta' Grazio Grech, (c) tillikwida l-assi partikolari ta' Mary Grace Grech li jigu dikjarati li jikkonsistu fis-sostanzi li jirrizultaw, (d) jigu likwidati l-assi partikolari ta' Grazio Grech li jigu dikjarati li jikkonsistu fis-sentenzi (*sic*!) li jirrizultaw, b'dan li fl-istess likwidazzjoni jigi dikjarat u deciz li l-fond 125/126 Triq Santa Domenica, Zabbar kien u baqa' tal-istess Grazio Grech in kwantu l-kuntratt fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin tat-18 ta' Jannar, 1970, li suppost ittrasferixxa dan il-fond lill-konvenuti Rodo kien kuntratt simulat bhala *datio in solutum* mentri fil-fatt kienet donazzjoni projbita mil-ligi minhabba l-eta` tal-istess Grazio Grech, (e) taqsam l-assi ta' Mary Grace Grech kif likwidati bejn l-erba' eredi taghha, bit-tnaqqis jekk hemm bzonn ta' dawk id-dispozizzjonijiet tat-testment taghha li jaqbzu l-porzjon mhux disponibbli, (f) taqsam l-assi ta' Grazio Grech kif likwidati bejn l-erba' eredi tieghu bit-tnaqqis jekk hemm bzonn tad-dispozizzjonijiet fiz-zewg testmenti li jaqbzu s-

sehem li minnu l-istess Grazio Grech seta' jiddisponi, bin-nomina ta' Nutar biex jircievi l-att ta' divizjoni u ta' kuraturi biex jirraprezentaw l-kontumaci fuq l-att, u dan bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Illi, l-atturi ipprezentaw it-testmenti suriferiti flimkien mac-Citazzjoni taghhom filwaqt li l-kuntratt ta' trasferiment iffirmat fit-18 ta' Jannar, 1970 (in atti Nutar Maurice Gambin) gie esebit fit-28 ta' Gunju, 1976 (*fol*.37 tal-process);

Illi, l-konvenuti ipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet taghhom, fis-26 ta' Novembru, 1974 fejn ma qajmu l-ebda oggezzjoni dwar l-ewwel tliet talbiet tal-atturi izda opponew ghar-raba' talba attrici bhala wahda bla bazi fil-fatt u fid-dritt u dana peress li ma kien hemm l-ebda simulazzjoni ta' kuntratt;

Illi, fil-mori tal-kawza il-konvenut Lawrence Rodo miet, u permezz ta' rikors iddatat id-9 ta' Lulju, 1980 (*fol*. 92 tal-process) gie mitlub li l-esponenti jigu trasfuzi fil-gudizzju;

Illi, b'sentenza ppronuncjata fl-14 ta' Marzu, 2007 laqghet ir-raba' talba attrici ghal dak li kien jirrigwarda id-dikjarazzjoni ta' simulazzjoni ta' kuntratt u cahdet l-eccezzjoni tal-konvenuti mqajma fl-istess rigward;

Illi, kemm il-darba hekk trasfuzi fil-gudizzju l-esponenti ahwa Rodo, ma jirrizulta minn imkien fl-atti li l-esponenti gew innotifikati bl-atti tal-kawza, li qatt xi darba gew imsejhin biex jippartecipaw fil-kawza u lanqas li kellhom avukat jippatrocinhom u dan *ai termini* tal-Art. 811(b) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi, l-esponenti ahwa Rodo, *inoltre* jiddikjaraw li l-Avukat Dott. R. Rossignaud ma huwiex l-avukat taghhom, qatt ma tawh istruzzjonijiet u lanqas qatt ma kellmuh jew xort' ohra ikkomunka maghhom dwar dan il-kaz;

Illi, fil-fatt ma kienu jafu xejn b'din il-kawza u saru jafu bl-esitu taghha b'mera koincidenza, u dan recentement hafna, meta wahda mill-esponenti, fit-30 ta' Marzu 2008,

Margaret Muscat nee` Rodo kienet qieghda taghmel *search* fuq l-*internet* permezz tas-*search engine* li jgib l-isem "*Google*" u meta dahhlet isimha b'kunjomha xebba (Rodo) telghet is-sentenza tal-kawza, li permezz ta' dan ir-rikors qieghda ssir din ir-ritrattazzjoni, fatt, dan, li ser jigi kkostatat waqt l-andament ta' din il-kawza;

Illi, li kieku l-esponenti kienu jafu b'din il-kawza, u sahansitra l-esitu taghha, il-meritu ta' din ir-ritrattazzjoni kienu jinterponuh permezz ta' appell u mhux ihallu dan iz-zmien kollu jghaddi qabel ma jiehdu azzjoni – u dan ghax il-motivazzjonijiet li ser jifformaw parti minn din ir-ritrattazzjoni facilment setghu jitqajjmu fl-istadju ta' appell, waqt il-perijodu perentorju legali, minghajr il-htiega li jehlu l-ispejjez konsidervoli li qed ikollhom jaffrontaw sabiex jindirizzaw dak li jhossu huwa ngustizzja li saritilhom, b'dan il-mezz straordinarju;

Illi, mill-ewwel fittxew l-esponenti jirrikorru ghand l-Avukat sottofirmat tal-fiducja taghhom sabiex jeducu ruhhom mill-fattispeci tal-kaz, li ghalhekk iddirigihom sabiex jaghmlu din il-kawza;

Illi, l-atturi, permezz tac-Citazzjoni taghhom ippremettew li kien hemm simulazzjoni ta' kuntratt li sar bejn il-konvenuti Rodo u l-missier Grazio Grech. Dan il-punt qatt ma irnexxhielhom jippruvawh l-atturi, tant li z-zewg periti legali Joseph Ciappara u Paul Gauci Maestre, jikkonkordaw li l-atturi ma rnexxhielhomx jaghmlu dak li proprju kien jinkombi fuqhom [*vide* Relazzjoni Dr. J. Ciappara pagna 6 para 12 (*fol*. 53 tal-process) u Risposti ta' Dr. Paul Gauci Maestre in eskussjoni pagna 11 para E (*fol* 296 tal-process)];

Illi, fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom ipprezentata minn kmieni hafna fil-kawza, l-atturi jghidu testwalment, li "*...l-kuntratt ma jsemmix servigi, jsemmi self. U self skond il-konvenut Rodo stess "ex admissis" u b'mod specifiku ma kienx hemm. Is-simulazzjoni hi ghalhekk ammessa.*" Din hija asserzjoni ghall-ahhar fallaci u li l-importanza ta' tali ser titqajjem aktar 'il quddiem;

Illi, l-kuntratt ta' trasferiment *datio in solutum*, li riferenza saret ghaliha aktar il-fuq f'dan ir-rikors, u li tifforma *l-qofol tal-kawza kollha* (enfasi tal-esponenti) [*vide* Relazzjoni Dr. J. Ciappara pagna 8 para 19. (*fol*. 55 tal-process) u s-sentenza tal-14 ta' Marzu, 2007 pagna 18 para. E - Konkluzjonijiet], jghid specifikament li Grazio Grech "....*jikkostitwixxi ruhu veru cert u likwidu debitur...[...]...fis-somma ta' elfejn u mitejn lira (£ 2200) imhabba kuri, assistenzi u servigi u aliementi lilu resi* (enfasi tal-esponenti) *mill-komparenti Lawrence u Filomena Rodo...*", a favur il-konvenuti Rodo [*vide* DOK 'A'];

Illi, fis-sentenza taghha tal-*14 ta' Marzu 2007*, l-Onorabbli Qorti, qalet ghal aktar minn darba li l-kuntratt kien wiehed ta' self, u dan sija fil-parti tal-evalwazzjoni tal-provi, fejn *inter alia* l-Qorti iddikjarat li "*...il-kuntratt ma ssemmix servigi izda self, meta fil-fatt self ma kienx hemm skond l-istess konvenut Rodo.*" (enfasi tal-esponent) [*vide* pagna 8, 20 linja minn fuq] u kif ukoll fil-parti deciziva tas-sentenza, fejn l-Qorti tidher li kienet lesta li takkorda it-talbiet tal-konvenuti u tichad dawk tal-atturi kemm il-darba il-kuntratt kien wiehed ghal servigi "*...[i]zda fil-fatt il-kuntratt ma jghidx dan u jghid affarijiet li qatt ma ezistew.*"[*vide* pagna 19, 5 linja minn isfel] (enfasi tal-esponenti);

Illi, umilment jissottomettu l-esponenti jissottomettu li jidher li l-Onorabbli Qorti strahet biss fuq il-kontenut tan-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi u ma qratx il-kuntratt *de quo*, li proprju kien il-pern li jholl u jorbot kollox;

Ghalhekk, fis-sentenza tal-14 ta' Marzu 2007 din l-Onorabbli Qorti ippronunzjat sentenza b'effett ta' zball facilment kostatabbli mill-atti jew id-dokumenti tal-kawza u dan minnhabba s-suppozizzjoni li ma jezistix fatt li l-verita` taghha giet pozittivament stabbilita u fejn liema fatt qatt ma kien punt ikkontestat deciz bis-sentenza u dan kollu *ai termini* tal-Art. 811(l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, l-esponenti, filwaqt li taghti l-garanzija mehtiega skond il-Ligi, titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(1) Thassar is-sentenza moghtija fl-14 ta' Marzu 2007 fl-ismijiet Carmelo u Francesca mart Giuseppe Pulis, ahwa Grech vs Filomena mart Lawrence Rodo u Giuseppi ahwa Grech, u Lawrence Rodo u b'digriet tal-10 ta' Lulju, 1980 l-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Carmen mart Lawrence Grima, Mario, Joan xebba u Margaret xebba ahwa Rodo, peress li fil-mori tal-kawza miet Lawrence Rodo, Citazz Nru. 1024/1974FS minhabba li inghatat bi ksur tal-Art. 811(b) u (l) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

(2) Tordna s-smigh mill-gdid tal-kawza fl-ismijiet premessi skond il-Ligi.
Bl-ispejjez u b'ingunzjoni tar-ritrattati ghas-subizzjoni."

Rat il-lista tax-xhieda u tad-dokumenti presentata mir-rikorrenti fit-3 ta' Lulju 2008 (*fol*. 17 sa 19 tal-process).

Rat ir-risposta tal-intimati Filomena Rodo et presentata fis-26 ta' Gunju 2008 li tghid hekk:-

"1. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju, din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrenti ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza parzjali ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-14 ta' Marzu 2007, u dan *in vista* tal-fatt li huwa *ben* affermat mill-Qrati taghna li ma tistax ssir ritrattazzjoni ta' sentenza parzjali u li l-mezz ta' ritrattazzjoni huwa moghti biss minn kawza deciza u finali;

2. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju, l-azzjoni tal-esponenti hija rrita u nulla *stante* li r-rikorrenti ma ndikawx wiehed wiehed il-kapi tas-sentenza li jridu jattakkaw, u dan kif jitlob l-Artikolu 816 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi *inoltre* u preliminarjament ukoll l-esponenti jissotomettu, minghajr pregudizzju, li r-rikorrenti ritrattanti qeghdin jippruvaw jevalwixxu ruhhom minn l-istitut ta' ritrattazjoni, meta fil-verita huma setghu facilment iressqu t-talbiet taghhom fi stadju ta' appell. Illi kif gie enfasizzat ta' spiss mill-Qrati taghna dan l-istitut m'ghandu qatt iservi

ta’ skuza biex jinholoq appell iehor u fir-ritrattazzjoni ma jistghux jintuzaw mezzi godda ta’ difiza mhux uzati fil-proceduri originali. Jirrizulta li r-rikorrenti ma kienux intavolaw appell mis-sentenza finali. Barra minn hekk lanqas ma huwa minnu, li kien wara li ghalaq iz-zmien ta’ l-appell, li huma kienu saru jafu bil-proceduri in kwistjoni, u dan kif ser jintwera tajjeb f’din ir-risposta. Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ritrattanti ghandhom jigu michuda, bi spejjez doppji u dan ghaliex it-talbiet maghmula mir-ritrattanti huma ghal kollox frivoli u vessatorji;

4. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghal dak kollu fuq suespost, jinghad illi l-esponenti ma setghux f’dan l-istadju jissollevaw talba ghal ritrattazzjoni fuq ir-raguni kontemplata f’Artikolu 811(l) li tirrigwarda sentenza li kienet l-effett ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza, u dan ghaliex Artikolu 818 (1) jghid specifikament f’paragrafu (d) illi t-terminu tat-tliet (3) xhur li fih tista’ ssir it-talba ghar-ritrattazzjoni fil-kazijiet li ma humiex imsemmija espressament fl-istess subartikolu, jibda jiddekorri minn dakinhar tas-sentenza attakkata, liema sentenza fil-kaz ta’ dik parzjali nghatat fl-erbatax ta’ Marzu tas-sena elfejn u sebgha (14/03/2007) u dik finali nghatat fis-sittax ta’ Jannar tas-sena elfejn u tmienja (16/01/08), u ghaldaqstant it-tliet xhur kienu diga’ ghaddew meta gie ntavolat dan ir-rikors fit-tletin (30) ta’ Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008). Illi fi kwalunkwe kaz, ma kien hemm l-ebda zball kif allegat mir-rikorrenti ritrattandi, u l-allegazzjoni tal-istess li din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta ma kinetx qrat il-kuntratt in kwistjoni, hija ghal kollox esagerata, skoretta u infattwali;

5. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju, l-esponenti jirrilevaw illi r-rikorrenti ritrattanti lanqas ma setghu jaghmlu talba ghar-ritrattazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 811(b), u dan ghaliex l-istess artikolu hawn citat jitkellem specifikament dwar <u>rikors guramentat</u> li ma jkunx gie notifikat lill-parti telliefa. Illi ghaldaqstant dan ma japplikax ghall-kaz ta’ trasfuzjoni ta’ gudizzju, kf qeghdin jippremettu r-rikorrenti, aktar u aktar meta kienu l-istess rikorrenti li talbu permezz ta’ rikors li l-proceduri jigu trasfuzi f’isimhom;

6. Illi fis-sitt lok, u minghajr pregudizzju ghal dak suespost, jinghad illi *se mai*, anki li kieku kellha tapplika d-disposizzjoni fuq citata ghal kaz odjern, xorta ma tapplikax it-tieni parti tal-istess disposizjoni tal-Artikolu 811(b) li tispecifika, li anki jekk il-parti telliefa ma tkunx giet notifikata, din il-parti ma tridx tkun dehret fis-smigh tal-kawza, li ma huwiex il-kaz. Issa l-intimati jissottomettu, li huwa ghal kollox inveritier illi r-rikorrenti rittrattanti ma kienux jafu bil-proceduri in kwistjoni, u li ma kellhomx l-avukat ta’ fiducja taghhom jippatrocinahom u li huma qatt ma kkomunikaw mal-istess. Illi primarjament, t-trasfuzjoni tal-gudizzju f’isem ir-rikorrenti rittrattanti kien sar minnhom stess, u dan bhalma jirrizulta mill-atti tal-kawza (*a fol* 92 tal-process) li minnha qieghda tintalab ir-ritrattazzjoni. Illi l-istess ritrattanti kienu ppatrocinati mill-Avukat Ramon Rossignaud, u dan kif jidher minn numru ta’ verbali tal-istess process. Illi fis-seduta tat-tnejn (2) ta’ Frar tas-sena elf disa’ mija u tnejn u tmenin (1982) (*a fol* 111 tal-process), l-Avukat citat kien informa l-Qorti li c-cavetta tal-fond li jrid jigi spezzjonat minn dejjem kienet f’idejn il-konvenut Giuseppe Grech u li l-klijenti tieghu qatt ma kellhom cavetta, fatt li jindika bic-car li kien hemm komunikazzjoni bejn ir-ritrattanti u l-Avukat taghhom. Illi jigi rilevat ukoll li l-perit tekniku Lawrence Montebello kien acceda fuq il-post erba’ (4) darbiet u kull darba huwa kien informa lill-partijiet b’ittra u dan bhalma jidher *a fol* 114 tal-process. Illi *in oltre* l-esponenti ritrattati jissottomettu wkoll li r-rikorrenti Filomena Rodo kienet sahansitra xehdet fil-proceduri in kwistjoni, fl-erbgha u ghoxrin ta’ Gunju tas-sena elf disa’ mija u tnejn u disghin (24/06/1992), jigifieri tnax-il sena wara t-trasfuzjoni tal-gudizzju f’isem l-istess ritrattanti, u dan wara li hija giet notifikata bit-tahrika personalment, u dan kif jidher mill-istess process (*a fol.* 217/218 tal-process). Illi jigi rilevat ukoll li l-istess rikorrenti ritrattanti kienu anki prezentaw in-nota ta’ osservazzjonijiet (*a fol.* 240/241) taghhom ghan-nota ta’ kritika ta’ l-esponenti ghall-konkluzjonijiet peritali, liema nota kienet giet prezentata fit-tlieta u ghoxrin ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija u hamsa u disghin (23/05/1995). Illi ghaldaqstant hija ghal kollox inveritiera l-allegazzjoni tar-

rikorrenti ritrattanti li huma ma kinux jafu bil-proceduri in kwistjoni;

7. Illi fis-seba’ lok, peress li r-rikorrenti qeghdin jintavolaw kawza ta’ ritrattazzjoni, l-okkju tal-kawza kellu jibqa’ l-istess u ma kellux jigi citat b’mod invers;

8. Illi kemm il-darba din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-eccezzjonijiet preliminari u tkompli tisma’ l-mertu tal-kawza odjerna, l-esponenti umilment jirrilevaw li peress illi l-mertu tal-kawza odjerna ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza parzjali tal-erbatax (14) ta’ Marzu tas-sena elfejn u sebgha (2007) u l-mertu tal-kawza (Rik Nru. 505/2008/1) ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza finali tas-sittax (16) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008), huwa wiehed, iz-zewg kawzi ghandhom jinstemghu minn din il-Qorti diversament presjeduta;

9. Illi ghar-ragunijiet sueposti huwa car li l-kawza tar-rikorrenti hija frivola u vessatorja ghall-ahhar u ghaldaqstant l-intimati jirrespingu t-talbiet tar-rikorrenti, illi huma kollha esagerati, infattwali u prevja ebda sens ta’ verita`, bl-ispejjez kontra taghhom.”

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-1 ta’ Dicembru 2008 (*fol*. 22) fejn ipprovdiet li din il-kawza tipprocedi flimkien mal-kawza Nru: 505/2008/GV fl-istess ismijiet;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tad-19 ta’ Jannar 2009 li permezz taghha saret it-trasfuzjoni tal-gudizzju tal-intimati Grace Zammit et wara l-mewt ta’ ommhom l-intimata Francesca Saveria Pulis fil-mori tal-kawza;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tas-26 ta’ Gunju 2008 (*fol*. 9) fejn il-kawza thalliet ghall-udjenza tat-23 ta’ Jannar 2009 fl-10.15 am ghat-trattazzjoni dwar l-eccezzjoni preliminari;

Rat li l-kawza nstemghet ghall-ewwel darba minn din il-Qorti (kif presjeduta) fit-23 ta' Frar 2009, f'liema udjenza saret trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti f'dawn il-proceduri presentata bil-premess tal-Qorti fit-23 ta' Frar 2002 (*fol*. 31) fejn ir-rikorrenti ttrattaw l-eccezzjonijiet preliminari kollha tal-intimati.

Semghet it-trattazzjoni bil-fomm li saret mid-difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Frar 2009 fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari.

Ikkunsidrat:

Illi qed tigi trattata u deciza l-ewwel eccezzjoni preliminari biss ghaliex, jekk tkun milqugha, il-procediment kollu jieqaf f'dan l-istadju, u din il-Qorti ma jkollhiex ghalfejn tkompli tikkunsidra u tiddeciedi dwar il-bqija tal-eccezzjonijiet.

Illi fil-mod kif kien kondott il-gbir tal-provi, li din il-Qorti tqis bhala essenzjali ghall-fini tat-talbiet tar-rikorrenti u r-risposta tal-intimati, din il-Qorti jidhrilha li ghandha tikkritika l-fatt li dokument vitali bhalma hi s-sentenza tal-14 ta' Marzu 2007 li r-rikorrenti qed jitolbu li tithassar ma kenitx esebita u ma tirrizultax mill-atti.

Illi ghaliex se tiddeciedi l-ewwel eccezzjoni biss din il-Qorti mhix se tiehu l-linja drastika u proceduralment korretta li tichad it-talbiet tar-rikorrenti minhabba minhabba n-nuqqas li tigi esebita s-sentenza. Altrimenti kienet tkun dik il-linja li kienet tiehu din il-Qorti li kieku dak li kien se jkun deciz illum ma kenitx dik l-ewwel eccezzjoni izda l-eccezzjonijiet l-ohra li jolqtu l-mertu ta' dak li kien deciz fl-14 ta' Marzu 2007.

Illi nuqqas hekk lampanti kien tar-rikorrenti li kienu huma li ppruvaw l-istanza u li kien allura jinkombi lilhom li jressqu l-ahjar provi specjalment fi procedura ta' ritrattazzjoni li minnha nnifisha hija procedura eccezzjonali li sabiex tirnexxi trid tidhol fil-parametru strett tal-ligi.

Illi kien ikun ukoll opportun mhux daqstant ghall-fini tal-ewwel eccezzjoni izda ghall-fini tat-talbiet tar-rikorrenti u tal-bqija tal-eccezzjonijiet li kieku mal-atti tal-kawza odjerna kienu allegati l-atti tal-kawza li dwarha skattaw dawn il-proceduri.

Illi mankanzi hekk ovvji fil-konduzzjoni tal-kawza min-naha tal-partijiet jaghmlu l-kompitu tal-gudikant aktar problematiku ghaliex mhux accettabbli fil-principju li dokumenti essenzjali biex gudikant jasal serenament ghal decizjoni ponderata ma jkunux esebiti ghal ragunijiet imputabbli lill-partijiet li talbu li ssir il-gustizzja maghhom.

Illi ghall-fini tad-decizjoni taghha dwar l-ewwel eccezzjoni, din il-Qorti se tistrieh fuq il-fatt li dwaru hemm qbil trasparenti u risultanti mill-atti tal-kawza li s-sentenza *de qua* li r-rikorrenti qed jitolbu li tithassar kienet sentenza parzjali.

Illi ghat-trattazzjoni bil-fomm tal-intimati dwar l-ewwel eccezzjoni taghhom fejn *sic et semplicitu* huma kkonfermaw l-eccezzjoni taghhom, u r-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjoniji taghhom dwar l-ewwel eccezzjoni qalu hekk:-

Illi, l-ewwel eccezzjoni preliminari tirrigwarda allegata nullita` fil-formalistika tal-procedura adottata mill-atturi u dan minhabba l-fatt li, barra milli ntavolaw ritrattazzjoni mis-sentenza finali f'din il-kawza, l-atturi pprocedew ukoll bil-mezz ta' ritrattazzjoni minn sentenza parzjali, haga din – jallegaw il-konvenuti - li ma tistax issir, senjatament, ghax dan huwa "*...ben affermat mill-Qrati taghna...*" (enfasi tal-espnenti) li il-mezz straordinarju ta' ritrattazzjoni tista' issir biss "*...minn kawza* (sic!) *deciza u finali*" (enfasi tal-esponenti);

Illi, wiehed jirrileva numru ta’ punti mportanti li jridu jinghadu fil-konfront ta’ din l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti. Fl-ewwel lok, hija haga konvenjenti ferm, jekk mhux ghall-ahhar dizonesta, li wiehed jistrieh fuq il-frazi li xi principju huwa stabbillit mill-Qrati taghna meta dan ma hux assolutament il-kaz. Fil-fatt ma hemm ebda sentenza mill-Qrati taghna, la ta’ l-Ewwel Istanza u lanqas minn sentnza li temana mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Civili, li tiddistingwi bejn sentenza parzjali u ohra finali – tant li din il-gurisprudenza ma gietx ikkwotata minn min qieghed jinsinwa li tezisti tali affermazzjoni!; (sottolinear ta’ din il-Qorti)

Illi, fit-tieni lok, il-ligi, la dik generali u l-anqas dik specifika li tirregola r-ritrattazzjoni, fl-Artikoli 811 *et. seq.* tal-Kap. 12 [Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili], ma tiddistingwix bejn sentenza parzjali jew dik moghtija fl-ahhar tal-kawza. Ghaldaqstant, in konsonanza mal-principju *ubi lex non distinguet nec nos distinguere debemus*, gjaladarba l-ligi ma tiddistingwix bejn tip ta’ sentenza w ohra, ahna ma nistghux ahna niddistingwu u fuq din il-premessa waheda biss, din l-eccezzjoni mressaqa mill-konvenuti ghandha tigi michuda;

Illi, fit-tielet lok u minghajr pregudizzju u subordinatament ghas-supremess, gialadarba, teknikament, seta’ jigi nterpost appell mill-ewwel sentenza parzjali, ghax din giet reza finali bit-trapass taz-zmien perentorju u l-konsegwenti skadenza tat-terminu tal-appell mill-ahhar sentenza definittiva (u mhux qabel), tista’ ssir ukoll ritrattazzjoni minnha u ma hijiex raguni li tigi nnegata din ir-ritrattazzjoni semplicement ghax din ir-ritrattazzjoni qieghda ssir minn sentenza parzjali, kemm il-darba li t-termini ta’ zmien u l-kriterji applikabbli ghar-ritrattazzjoni jigu rispettati minn dawk li qeghdin ifittxu tali rimedju;

Illi, fir-raba’ lok, l-atturi, *qua* ritrattandi, ma setghux ma jitolbux ritrattazzjoni minn din is-sentenza parzjali u biss mis-sentenza finali u definittiva u dan minhabba dak li gie deciz fiz-zewg sentenzi separatament. L-ewwel sentenza parzjali iddecidiet fuq il-mertu tal-kawza innifisha u *cioe`* fuq il-fatti speci tal-kaz (fejn l-Onorabbli Qorti tat ragun

fuq il-mertu lill-konvenuti Grech), mentri t-tieni sentenza merament illikwidat porzjonijiet ta' assi bejn il-kontendenti. Kienet tinholoq anomalija gudizzjarja li kieku kienet tintalab, u ghalhekk potenzjalment tinghata, ritrattazzjoni biss mis-sentenza finali u definittiva fl-assenza ta' ritrattazzjoni mill-ewwel sentenza parzjali, u dan minhabba l-fatt li l-atturi:

(a) ma kinux ikunu f'pozizzjoni jargumentaw il-motivazzjonijiet tar-ritrattazzjoni a tenur tal-Art. 811 tal-Kap. 12 la kompletament u lanqas parzjalment u dan *stante* li l-fatti speci tal-kaz ma setghux jigu argumentati u dan minhabba l-fatt li ma jifformawx parti mill-korp tat-tieni decizjoni;

(b) ipotetikament, kienu jiehdu decizjoni favorevoli fir-ritrattazzjoni tat-tieni sentenza finali u ghalhekk impunjata, bl-ewwel sentenza (definittiva u finali kontemporanjament mat-tieni decizjoni fil-mument tal-iskadenza tal-perjodu tal-appell) *in vigore* u effettiva a favur tal-konvenuti. Kien ikun ifisser li l-konvenuti kien ikollhom ragun b'effett tal-ewwel sentenza minghajr il-beneficcju tar-rimedju moghti taht it-tieni sentenza u *a contrariu sensu* ghall-atturi;

Illi, fil-hames lok, ma tistax issir ritrattazzjoni mis-sentenza finali u definittiva biss, gialadarba inghatat sentenza parzjali. Meta tinghata sentenza parzjali trid issir ritrattazzjoni minnha ukoll, sija minhabba ir-ragunijiet gja esposti *poch'anzi* kif ukoll minnhabba ritwalita` procedurali;

Illi, fl-ahhar nett, ta' min jirrileva l-irritwalita` ta' din l-eccezzjoni hekk kif impostata mill-konvenuti, u dan minhabba l-fatt li hija sentenza jew decizjoni ta' Qorti li ssir finali, u mhux kawza – sentenza, li ta' min izid jghid, saret finali bit-trapass taz-zmien perentorju u regolamentari, appellabbli fiz-zmien perentorju u mhux appellata ghar-ragunijiet moghtija fit-twegiba ghat-tielet eccezzjoni preliminari imressqa mil-konvenuti."

Illi *erronea* hija s-sottomissjoni tar-ritrattandi li ritrattazzjoni tista' tintalab kemm ta' sentenza finali izda anke ta' sentenza parzjali.

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "Avukat Dottor Henry sive' Eric Mamo noe vs Michael Axisa et" deciza fis-16 ta' Dicembru 2003, qalet diversament ghal dak li sostnew ir-ritrattandi:-

"L-Artikolu 811 tal-Kap. 12 jghid car u tond li:

Kawza decia b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin….(sottolinear ta' din il-Qorti).

Hu evidenti li fil-kaz *de quo* ma giet deciza ebda kawza; dak li gie deciz kienet biss eccezzjoni preliminari, tant li din il-Qorti, fis-sentenza taghha tal-5 ta' Ottubru, 1994 ordnat li l-atti jigu rinvjati quddiem l-ewwel Qorti, "ghall-kontinwazzjoni tal-kawza skond il-ligi". Kif osservat tajjeb din il-Qorti (diversament komposta) fis-sentenza aktar 'l fuq citata (Mifsud Bonnici vs. Scicluna); - Karmenu Mifsud Bonnici noe et vs John Scicluna noe et deciza minn din il-Qorti fis-26 ta' April 1993;

Fil-kaz prezenti s-sentenza ta' din il-Qorti, li trid tigi qabel xejn imhassra, ma ddecidietx il-kawza – jigifieri ma ddefinietx il-kawza – u r-ritrattazzjoni logikament tipprezumi definizzjoni ta' kawza biex din il-kawza tigi ritrattata. Dak li gie deciz hija eccezzjoni fil-kawza u mhux il-kawza. Kien, naturalment, ikun mod iehor kieku giet deciza eccezzjoni u anke l-kawza. Hemm distinzjoni procedurali fondamentali bejn decizjoni ta' eccezzjoni imma mhux tal-kawza u decizjoni ta' eccezzjoni u anke tal-kawza. Ir-ritrattazzjoni hija tal-kawza u meta l-kawza ghadha qed tigi trattata ma tistax tigi ritrattata. L-azzjoni pretiza ghal ritrattazzjoni difatti ssib ostakolu tekniku li jillustra l-omogenita' funzjonali tal-mekkanizmu procedurali. Wara li sentenza ta' din il-Qorti, li trid qabel xejn tithassar, l-atti tal-kawza jinsabu l-Onorabbli Qorti

Civili Prim'Awla u meta l-konvenuti u l-kjamat in kawza pprezentaw il-petizzjoni taghhom … l-istess petizzjoni saret quddiem din il-Qorti f'kawza li mhix quddiemha, billi l-atti taghha qeghdin quddiem qorti ohra u ma ngiebet ebda raguni guridikament valida ghaliex din il-Qorti ghandha tisvesti l-kompetenza ta' dik il-Qorti li quddiemha qieghda l-kawza u l-atti tal-istess – minghajr il-konoxxenza legali ta' dik il-Qorti."

Illi dan kollu japplika egwalment ghall-kawza taht esami. Fil-kawza Mamo noe vs Axisa et kollox beda meta l-allura Qorti tal-Kummerc, b'sentenza taghha tal-31 ta' Ottubru 1991, irespingiet l-eccezzjoni preliminari tal-intempestivita' sollevata mis-socjeta' konvenuta Fenech Estates Company Limited kif ukoll mill-konvenuti Michael Axisa f'ismu proprju u mis-socjetajiet konvenuti Lay-lay Company Limited, Fgura Contractors Limited, Tor Limited u Luqa Development Company Limited. Dawn il-konvenuti appellaw permezz ta' petizzjoni datata 21 ta' Novembru 1991. Dana l-appell gie respint mill-Qorti tal-Appell – b'sentenza moghtija fil-5 ta' Ottubru, 1994.

Permezz tal-petizzjoni datata 4 ta' Jannar, 1995 Alfred u Michael Fenech, ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Fenech Estates Company Limited, talbu li tithassar is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 1994 fl-ismijiet Avukat Dottor Henry sive Eric mamo noe. v Michael Axisa nomine et u tordna illi l-kawza tigi ritrattata ghat-tenur tal-Artikoli 811(i) u (f) tal-Kap. 12 bl-ispejjez taz-zewg istanzi u tar-ritrattazzjoni kontra l-appellati.

Fir-risposta taghha ghall-petizzjoni ta'ritrattazzjoni, s-socjeta' ritrattata eccepiet l-irritwalita' u n-nullita' tal-istess petizzjoni in kwantu din kienet qed tipproponi ritrattazzjoni minn sentenza parzjali skond is-socjeta' ritrattata, peress li s-sentenza tal-5 ta' Ottubru 1994 ma ddisponietx mill-kawza ma kien hemm ebda lok ghal ritrattazzjoni.

Illi fil-kawza odjerna, ir-ritrattandi qed jitolbu ritrattazzjoni ta' sentenza moghtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza u *cioe'* l-Prim'Awla tal-Qorti Civili, ta' sentenza li ddecidiet il-

kawza in parte fis-sens li skond ir-ritrattandi stess in-nota taghhom “iddecidiet fuq il-mertu tal-kawza nnifisha u *cioe’* fuq il-fattispeci tal-kaz”, ta’ sentenza li kienet imbaghad segwita minn sentenza finali li skond ir-ritrattandi fin-nota taghhom “illikwidat porzjonijiet ta’ assi bejn il-kontendenti”.

**Ghall-motivi premessi, din il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni sollevata mir-ritrattati, tiddikjara rritu u null ir-rikors tas-16 ta’ Mejju 2008, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra kollha tar-ritrattati, tichad it-talba ghal ritrattazzjoni kif dedotta, bl-ispejjez kontra r-ritrattandi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------